**7 ta' Mejju, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Anthony Gatt

*versus*

Mary Shepard

**Danni - Inċident Awtombolisitiku - Prova - Valur Probatorju ta' - *Stop Sign* - Veloċità - *Duty to Keep a Proper Look Out***

*Kawża dwar inċident awtomobilistiku.*

*Il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi dejjem u f'kull każ għandhom jiġu applikati bir-rigur l-prinċipji bażilari tal-liġi u dana fis-sens illi in mankanza ta' provi kuntrarji, dikjarazzjonijiet jew provi prodotti għandhom iġorru magħhom il-valur probatorju opportun, dejjem inkwadrati, s'intendi, fiċ-ċirkostanzi partikolari, għax jista' jkun hemm ċirkostanzi tali li, anke in mankanza ta' provi kuntrarji, jirrendu prova partikolari inattendibbli.*

*Minn evalwazzjoni tal-provi, il-Qorti ta' l-Appell sabet illi għall-inċident kien jaħti unikament l-attur u f'dan is-sens irriformat is-sentenza appellata.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mogħtija fit-12 ta' Frar, 1997, fil-kawża fl-ismijiet premessi, liema sentenza taqra kif ġej:

"Il-Qorti:-

Rat l-avviż ippreżentat mill-attur tas-27 ta' Diċembru, 1991 fejn talab lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' mitejn, ħamsa u erbgħin lira u għoxrin ċenteżmu (Lm245.20c) jew somma verjuri bħala danni li hija kkaġunat in segwitu għall-inċident awtomobilistiku li ġara l-Imsida fit-3 ta' Lulju, 1991, meta hija kienet issuq karozza nru.

T-6937 waqt li l-attur kien isuq karozza numru T-6108, prevja d-dikjarazzjoni li l-imsemmi inċident ġara unikament ħtija tagħha minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u *inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku*;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax kontra l-konvenuta nġunta għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuta ppreżentata fid-29 ta' Jannar, 1992 fejn eċċepiet illi hija ma kinitx responsabbli għall-inċident in kwistjoni li ġara tort ta' l-attur;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament ippresjeduta ta' l-4 ta' Frar, 1992, fejn ġie nnominat il-Perit Laferla sabiex jagħmel *pjanta tal-lokalità* u *jeżamina l-iskizz tal-pulizija* u xhieda tagħha;

Rat id-deċiżjoni tagħha ta' l-24 ta' Ottubru, 1994;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat in-nota ta' l-attur tat-22 ta' Jannar, 1996;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawża tirrigwarda talba għad-danni subiti in segwitu ta' inċident stradali li seħħ fil-*By Pass* qrib ta' l-Università fit-3 ta' Lulju, 1991 bejn karozza T-6108 misjuqa mill-attur u karozza T-6937 misjuqa mill-konvenuta. Fejn ġara l-inċident hemm *stop sign*;

L-attur jgħid li huwa kien għaddej isuq f'Birkirkara *By Pass* sejjer lejn ir-*roundabout* ta' l-Università. Qabel din ir-*roundabout* hemm *centre strip* li ddur magħha biex tidħol għall-Università fejn hemm *stop sign*;

L-attur jgħid li kien għaddej bi *speed* ta' 30 kilometri fis-siegħa stante li kien hemm ħafna traffiku fuq ir-*right lane*. Meta wasal fejn l-i*stop sign* il-konvenuta daret mas-*centre strip* b'veloċità u baqgħet *hierġa, ma waqfitx fuq is-centre strip* u ġejna *head on collision*;

Il-ħsarat ta' l-attur kienu fuq il-faċċata tal-karozza tiegħu fuq il-*bumper*, il-*bonnet* u x-xibka li kellhom jinbidlu;

L-attur isostni li ma kien hemm xejn ifixkel il-viżwali bħal karozza pparkata jew *shrubs*. L-attur jgħid illi huwa fil-fatt kien laħaq waqaf u kienet il-konvenuta li daħlet ġo fih. Ikkonferma li ħadd ma ċaqlaq il-karozzi. L-attur sostna li l-ħsarat tiegħu kienu jammontaw għal mitejn u ħamsa u erbgħin lira Maltija u għoxrin ċenteżmu skond dok. A, G5, 6, 7;

Il-konvenuta, min-naħa l-oħra, tgħid illi hija kienet sejra l-Università, *waqfet fuq l-istop sign illi hemm u minħabba l-curve* li hemm fit-triq illi tillimita l-viżwali bdiet *inching out*. Kienet laħqet sporġiet biċċa mill-*bonnet* 'il barra mill-i*stop sign* meta rat il-karozza ta' l-attur ġejja fuqha b'veloċità kbira;

Hija waqfet il-karozza tagħha billi tellgħet il-*handbrake* u l-karozza ta' l-attur skiddjat u lwiet 'il fuq bejn in-nofs tat-triq u l-*inner lane*, għamel a 180° *turn* u baqgħet dieħla fuq il-karozza tal-konvenuta;

Il-ħsarat tal-konvenuta kienu fuq il-ġenb tagħha u ċjoè kellha *left side lamps* miksurin. Il-konvenuta li ma taqbel

assolutament xejn mal-karozzi kif depint fl-iskizz tgħid illi bejn il-karozza ta' l-attur u l-bankina kien hemm ħafna aktar spazju għaliex it-traffiku baqa' għaddej normali u ma waqaf xejn;

Il-konvenuta tgħid illi l-attur kellu tliet *tyres* li kienu lixxi;

Illi l-kontestazzjoni ta' l-atturi dwar l-iskizz hija illi l-karozza tagħha kienet angolata lejn il-lemin u ċjoè tħares lejn l-Università; illi ma kinitx tisporġi ma' l-*istop sign* kif depinta imma kellha biss biċċa mill-*bonnet* sporġuta; tant illi hija kienet ġiet servuta l-kafè li ċertament ma xorbitux f'nofs tat-triq u d-distanza bejn il-karozza ta' l-attur u l-bankina fuq ix-xellug kienet wiesgħa aktar minn 25 *metres* stante li t-traffiku kien għaddej "ixxamplatissimu";

Illi mix-xhieda ta' Profs. Borg Costanzi (ara ps. 42) ikkollabora;

Illi t-traffiku kien għaddej liberament minn wara l-karozza ta' l-attur wara l-kolliżjoni u jgħid li ma rax l-*iskid marks*. John Schranz ikkonferma illi huwa għadda liberalment mill-*By Pass* wara l-kolliżjoni bejn il-partijiet. Jgħid ukoll illi wara li waqaf innota li t-tliet *tyres* tal-karozza 6108 kienu kompletament lixxi (ara fol. 46) u li qal dan kollu lill-pulizija li kien jagħmel l-iskizz. Isostni ukoll illi l-karozza tal-konvenuta kienet aktar angolata tħares lejn l-Università. Ma jiftakarx dwar *brake marks* u li kienet tesporġi barra mill-*istop sign* b'¼ ta' karozza;

Ikkunsidrat:

Illi l-aktar ħaġa evidenti f'dan il-każ huwa l-fatt illi l-iskizz tal-pulizija mhuwiex riflessjoni tal-karozzi fil-mument ta' l-impatt u li distanzi huma żbaljati. Dan xehditu l-konvenuta u xhieda ndipendenti u anke ammess mill-attur eventwalment fin-

nota tiegħu tal-5 ta' Jannar, 1996;

Illi inoltre l-partijiet fil-kawża jagħtu verżjoni kompletament konfliġġenti ta' kif ġrat il-kolliżjoni u mhix mgħejjuna mill-okkorrenza jew *Road Accident Report*;

Illi din il-Qorti wara illi fliet bir-reqqa x-xhieda kollha prodotta waslet għas-segwenti konklużjonijiet;

Illi t-teżi ta' l-attur u ċjoè li huwa kien għaddej *on the right hand lane* bi *speed* ta' 30 kilometru fis-siegħa mhix tenibbli għaliex ma ssibx konfort fil-posizzjoni tal-karozza tiegħu u ċjoè li ġiet tħares lejn Birkirkara - fatt li mhu kontradett minn ħadd. Il-versjoni ta' l-attur lanqas mhi konfortata bi ħsarat li ġarrbet il-karozza tiegħu;

Dan qiegħed jingħad il-għaliex kieku kif jgħid hu kien *on the right hand lane* u l-konvenuta ħarġitlu fuq l-*istop sign*, il-ħsarat tal-karozzi tal-partijiet kienu ferm aktar stante n-nuqqas ta' viżwali;

Illi għalhekk il-versjoni li tat il-konvenuta u ċjoè illi l-karozza ta' l-attur kienet bejn nofs it-triq u l-*lane* ta' ġewwa għaddejja bi *speed* konsiderevoli u li din il-karozza rinfaċċjata bil-karozza tal-konvenuta li kienet tesporġi l-*istop sign*, ibbrejkjat, skiddjat u daret 180 *degrees* hija ferm aktar verosimili;

Dak li din il-Qorti trid tara però hija r-raġuni li twassal għal dan it-telf ta' kontroll tal-karozza da parti ta' l-attur - u ċjoè kien kawża ta' *tyres* lixxi tiegħu abbinat ma' *speed* eċċessiv fil-*curve* li hemm immedjatament qabel il-post ta' l-inċident jew kinitx l-isbokkar tal-konvenuta - avolja minima, li kienet *the sudden emergency*;

Li wara li għarblet ix-xhieda kollha prodotta f'dan il-każ, din il-Qorti jidhrilha li l-konvenut ma kienx diġà tilef il-kontroll tal-karozza tiegħu qabel ma tfaċċat il-karozza tal-konvenuta. Dana xehdet hi stess għaliex qalet li ma ratux jitbandal minnaħa għal oħra tat-triq qabel l-impatt;

Issa huwa risaput illi min jisbokka minn *side street* għat-triq prinċipali għandu josserva *a proper look out* u jittanta l-manuvra b'mod illi ma jostakolax u lanqas ma jipperikolax lill-utilisti l-oħra tat-triq. Dan *multo magis* fejn hemm *stop sign*. Għalhekk ma jistax jerġa' jibdielu u jieqaf fin-nofs tat-triq;

Illi fil-każ in eżami bi sfortuna għall-konvenuta, il-viżwali minn l-*istop sign* huma limitati tant illi wieħed bilfors irid jesporġi fit-triq prinċipali biex jara l-*oncoming traffic*, ħaġa li hija tassew kondannabbli u jeħtieġ li tiġi rimedjata minnufih;

Il-Qorti tgħid bi sfortuna għall-konvenuta il-għaliex hi tal-fehma illi kienet dan l-*inching out* illi fixkel l-attur u hija l-*proximate cause of the accident*. Il-liġi hija stretta ħafna għal dak illi jirrigwarda *principal and secondary road users*;

Illi madankollu din il-Qorti hi tal-fehma illi l-attur ikkontribwixxa b'mod sostanzjali għal kif ġara l-inċident fis-sens illi kien qed isuq bi *speed* eċċessiv mhux addattat għal-lokal u kellu *tyres* lixxi wisq li allura ma għenx fil-*braking power* tiegħu;

Illi għal dawn il-motivi l-Qorti, waqt li tiddikjara illi għall-inċident stradali meritu ta' l-avviż jaħti l-attur in kwantu għal terz u l-konvenuta in kwantu għal żewġ terzi, tilqa' t-talbiet atturi limitatament kif fuq indikat u tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' mija, tlieta u sittin lira Maltija u għoxrin ċenteżmu;

L-ispejjeż għandhom jinqasmu bl-istess mod u ċjoè 1/3 għall-attur, 2/3 għall-konvenuta";

Minn din is-sentenza appella l-attur in linea prinċipali u l-konvenuta aċċidentalment;

L-attur qiegħed jitlob li din il-Qorti tilqa' l-appell tiegħu billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, tiddikjara lill-istess konvenuta unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku in kwistjoni, tillikwida d-danni tiegħu fl-ammont ta' mtiejn u ħamsa u erbgħin lira Maltija u għoxrin ċenteżmu (Lm245.40c) u tikkundanna lill-konvenuta biex tħallas dawn id-danni lilu, bl-imgħax legali kif mitlub u bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuta;

Il-konvenuta min-naħa tagħha, li qed tappella inċidentalment, titlob ir-riforma tas-sentenza appellata billi din il-Qorti tiddeċidi li t-tort ta' l-inċident kien unikament attribwibbli għall-attur u bl-ebda mod għaliha u b'hekk tilliberaha mit-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

Skond l-attur l-Ewwel Qorti attribwietlu terz mir-responsabbilità fuq bażi li seta' kien hemm *speed* eċċessiv da parti tiegħu u kellu xi *tyres* lixxi. Huwa jirrileva li mill-provi tal-konvenuta ma tirriżultax il-prova ta' l-i*speed* eċċessiv jew inopportun tiegħu. Barra minn hekk, anke jekk biss għall-grazzja ta' l-argument l-i*speed* tal-vettura tiegħu ma kinitx regolamentari, ma saritx il-prova li tali *speed* kellu influwenza fuq xi dinamika ta' l-inċident. Di più n-natura li l-entità tal-ħsarat fil-vetturi, it-tul tal-*brake marks* u l-posizzjoni ta' kif spiċċaw iż-żewġ vetturi wara l-inċident manifestament u kategorikament jeskludu b'mod oġġettiv li din kienet kolliżjoni fejn l-i*speed* kien protagonista. Dwar il-kwistjoni tat-*tyres* lixxi

*allegati mill-konvenuta u kkontestata minnu, din hija fil-fehma* tieghu, kwistjoni irrilevanti ghaliex ma saritx mill-konvenuta l-prova tan-ness bejn l-istat tat-*tyres* tal-vettura tieghu u l-effett li kellu fuq l-inċident. Ma kienx hemm xhieda okulari ghall-inċident ghajr iż-żewġ sewwieqa. Huwa ċahad li l-vettura tieghu skiddjat kif allegat il-konvenuta, li min-naha taghha hija inaffidabbli ghaliex ma tistax min-naha tallega ostruzzjoni tal-*viżwali u min-naha l-ohra taċċerta li l-vettura kienet ġejja bi speed* eċċessiv;

Min-naha taghha, l-appellata, ghal dak li huwa appell inċidentali tissottometti dan li ġej:

Illi l-kawża ta' l-inċident kien il-kawża tas-sewqan eċċessiv ta' l-attur appellant u dan huwa evidenti peress li l-versjoni tieghu li hu kien ghaddej biss bit-30 kilometru fis-siegha mhix konfortata bil-hsarat li ġarrab fil-karozza tieghu u lanqas mill-posizzjoni tal-karozza tieghu, u fit-tieni lok b'negliġenza tieghu, peress li kellu tliet *tyres* tal-vettura tieghu lixxi. Dana ġie pruvat ampjament. L-appellata tissottometti ukoll illi hija bilfors kellha taghmel dak li ghamlet, ċjoè issuq bil-mod li saqet, u fl-ebda hin ma jista' jinghad li dan ikkontribwixxa ghall-kolliżjoni;

Ikkunsidrat:

Li qabel xejn din il-Qorti jidhrilha li ghandha taghmel ċerti osservazzjonijiet *li huma ta' ċerta relevanza;*

Fl-ewwel lok ghandu jiġi osservat li sa ċertu grad, l-iskizz preparat mis-surġent u esebit fl-atti ta' din il-kawża, huwa inattendibbli peress illi prattikament hadd ma jaqbel mieghu, la l-partijiet u lanqas xi xhieda li ġew prodotti mill-appellata. Dana qed jinghad ghaliex evidentement f'ċirkostanzi bhal dawn fejn

il-Qorti ma tistax tirrikorri b'assolutezza lejn l-iskizz illi jkun ġie ppreparat u li suppost għandu jkun *vitali* għall-konsiderazzjonijiet tagħha, hu mistenni minnha eżerċizzju iktar delikat fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tagħha biex tasal għall-konklużjoni dwar eżattament x'wassal għall-kolliżjoni u d-dinamika ta' l-istess;

Fit-tieni lok il-Qorti tosserva *illi dejjem u f'kull każ* għandhom jiġu applikati bir-rigur l-prinċipji bażilari tal-liġi u dana fis-sens illi in mankanza ta' provi kuntrarji, dikjarazzjonijiet jew provi prodotti għandhom iġorru magħhom il-valur probatorju opportun, dejjem inkwadrati s'intendi fiċ-ċirkostanzi partikolari, għax *jista' jkun hemm ċirkostanzi tali li*, anke in mankanza ta' provi diretti kuntrarji, jirrendu prova partikolari inattendibbli;

Fit-tielet lok *jiġi ċċarat li din* il-Qorti hija familjari mal-lokal fejn saret il-ħabta;

Ikkunsidrat:

A bażi ta' din l-aħħar affermazzjoni huwa rilevantissimu, fil-fehma ta' din il-Qorti, li jiġi rrilevat illi t-topografija tal-lokal fejn ġara l-inċident hija tali li kwalunkwe sewwieq ġej mid-direzzjoni minn fejn kienet ġejja l-konvenuta, m'għandux alternattivi oħra ħlief li jieqaf l-ewwel ma' l-*istop sign* li hemm u minħabba f'dik il-posizzjoni l-viżwali hija parzjalment limitata u wieħed jista' jottjeni t-totalità tagħha *billi* jesporġi xi ftit iktar, l-uniku rimedju li hemm huwa li l-ħruġ minn wara l-*istop sign* isir gradatament u bil-kawteli u l-prekawzjonijiet kollha opportuni;

Jidher illi bejn il-partijiet hemm diverġenza fuq kif eżattament ġara l-inċident. Skond l-attur, il-konvenuta għandha

tort għaliex fil-ħin ta' l-inċident *hija kienet qed tisporġi* l-barra, ċjoè l-vettura ma kinitx wieqfa imma kienet miexja. Fil-kors tat-trattazzjoni l-abbli difensur ta' l-attur effettivament irrepeta dan u *afferma li lanqas l-istess konvenuta ma xehdet illi hija kienet* wieqfa fil-mument tal-ħabta. Effettivament il-konvenuta, kif jirriżulta minn fol. 73 tal-proċess, tgħid "*I inched out, I saw a car coming at some speed. I braked instinctively, stopped instinctively, and pulled my handbrake. Within seconds I was rammed*". L-istess konvenuta preċedentement u anke sussegwentement fl-istess deposizzjoni tagħha qalet ukoll li qabel ma bdiet il-proċess ta' *inching out* hija kienet waqqfet ma' l-*istop sign*. Hija tgħid ukoll illi qabel ma saret il-ħabta, kontra dak li kien qed jissuġġerilha d-difensur ta' l-attur, hija ratu ġej u ratu jiskiddja u jaħbat mal-karozza tagħha;

Min-naħa tiegħu, għalkemm l-attur jgħid illi jikkontesta l-fatt li kellu tliet *tyres* lixxi, tnejn quddiem u wieħed wara, mid-deposizzjoni tiegħu, *kif traskritta fl-atti proċesswali, m'hemm l-*ebda indikazzjoni li din l-allegazzjoni li saret mill-konvenuta u minn diversi xhieda oħra mhijiex attendibbli. Anzi fl-ebda ħin ma ċaħad li kellu *tyres* lixxi. Hu sinifikanti, però, illi għalkemm hemm almenu tliet xhieda li jgħidu li dan il-fatt ġie rilevat lis-Surġent, l-istess Surġent fix-xhieda tiegħu deherlu li dan ma kienx element importanti li kellu jissenjala lil din il-Qorti. Ciononostante però, m'hemm xejn x'jindika li l-allegazzjoni li kien hemm tliet *tyres* lixxi mhijiex attendibbli;

Kollox ma' kollox, din il-Qorti tara li meta teżamina d-*deposizzjonijiet illi kien hemm, iċ-ċirkostanzi topografiċi u ċ-*ċirkostanzi oħra dwar kif seta' ġara l-inċident, hija tasal għal dawn il-konklużjonijiet:

Illi miż-żewġ versjonijiet - u jista' jkun hemm biss żewġ versjonijiet għaliex ma kienx hemm xhieda okulari tal-kolliżjoni

ħlief iż-żewġ sewwieqa - dik tal-konvenuta hija aktar attendibbli minn dik ta' l-attur;

Illi fil-fehma tagħha biex l-attur jirnexxi fit-teżi tiegħu u biex din tkun konformi mat-talbiet tiegħu, irid jipprova li l-ħruġ tal-vettura tal-konvenut ma kienx kif deskritta minnha, imma kif deskritt minnu, u b'mod li ħoloqlu emerġenza tali li spiċċa biex il-kolliżjoni kienet inevitabbli;

Din il-Qorti, però, mhix sodisfatta, li l-mod ta' sewqan tal-konvenuta kien tali li kieku l-attur kien qed iżomm *a proper look out*, ma kellux *tyres* lixxi u kien qed iżomm *speed* moderat għal-lokal li kien qed jersaq lejh, kienet issir il-kolliżjoni;

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-lokal kien jirrikjedi prekawzjoni fis-sewqan tali li kull min kien qed javviċina għalih kellu jieħu ċerti prekawzjonijiet. Fil-fehma tagħha jidher illi filwaqt illi l-konvenuta dawn il-preskawzjonijiet ħadithom, l-attur jidher li ma kienx diliġenti biżżejjed biex jantiċipa li seta' joħroġlu xi ħadd anke *inching out* u possibilment jostakolalu t-triq tiegħu jew jaħsdu. Fil-fehma ta' din il-Qorti, mhux attendibbli li bi *speed* ta' 30 kilometru fis-siegħa, kif jgħid li kien għaddej, u bi *proper lookout*, l-inċident ma setax jiġi evitat, jekk kull wieħed mis-sewwieqa juża' l-prudenza u jieħu dawk il-miżuri neċessarji biex ma jiġrix dak li ġara. Fil-fehma ta' din il-Qorti, min-naħa tal-konvenuta, dawn il-prekawzjonijiet ittieħdu billi hija waqfet biex tesplora t-triq u laħqet sporġiet ftit mill-*istop sign* biex tkun tista' tesplora aktar. Dan fil-fehma tal-Qorti, sar b'mod li ma kellux joħloq dik l-emerġenza lit-traffiku li kien ġej mid-direzzjoni ta' l-attur, jekk min kien ġej minn dik id-direzzjoni similment, kien juża diliġenza fis-sewqan tiegħu;

Għalhekk din il-Qorti ma taqbel xejn mad-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti li sejra konsegwentement tiddisturba u dan

għaliex, fil-fehma tagħha, ħtija ta' l-inċident kien unikament l-attur u ma tara xejn fis-sewqan tal-konvenuta li seta' jwassal għal xi responsabbilità għall-inċident *de quo*;

*Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell prinċipali ta'* l-attur billi tiċħad l-istess u minn dak inċidentali tal-konvenuta billi tilqa' l-istess u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu akkollat lill-konvenuta żewġ terzi tar-responsabbilità u in kwantu laqgħet it-talbiet attriċi limitatament a bażi ta' din ir-responsabbilità u kkundannat lill-konvenuta *tħallas is-somma ta' mija, tliet u* sittin lira Maltija u tliet u għoxrin ċenteżmu (Lm163.23c) u kif ukoll żewġ terzi ta' l-ispejjeż tal-kawża u minflok tiddikjara li l-*inċident stradali meritu ta' din il-kawża jaħti għalih unikament* l-attur appellant li konsegwentement għandu jkollu t-talbiet tiegħu miċħuda, kif effettivament qed jiġu miċħuda. L-ispejjeż *taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-attur appellant.*